**21 ta' Lulju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L., Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Patrick Holland et.

**Intimidazzjoni — Piena — Kondotta tal-Imputat — Art. 24 (a) tal-Ordinanza IV tal-1945.**

*Hu ħati ta' intimidazzjoni mhux biss dak li, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, bil-ħsieb li jġiegħel lil persuni oħra ma jagħmlux dak li huma għandhom id-dritt jagħmlu, ibeżżgħa jew jintimidixxi lil dawk il-persuni, imma anki dak li jakkompanja l-atti ta' min jintimidixxi, u bil-preżenza kostanti tiegħu ma' dik il-persuna, meta din tkun qegħedha tuża dak il-kliem ta' intimidazzjoni, juri ko-operazzjoni xjenti u immedjata għall-operat ta' dik il-persuna, sija bħala sostenn morali, sija bħala ko-operazzjoni biex l-intimidazzjoni jkollha l-forza tagħha.*

*Il-valutazzjoni tar-responsabbiltà tal-imputat għandha tiġi ċirkoskritta biċ-ċirkustanzi li taħthom ġie kommess ir-reat, u għandha hekk tiġi iżolata minn kull avveniment fil-pajjiż posterjuri għall-kommissjoni tar-reat; u l-Qorti għandha quddiemha l-kondotta tal-imputat fil-konfronti tal-imputazzjoni, u mhux dik ta' oħrajn fil-konfronti ta' fatti oħra.*

*Il-kondotta tal-imputat, fil-miżurazzjoni tal-piena, hija ta' importanza massima; għax din turi jekk persuna hijiex abitwalment refrattarja għall-preċetti penali, b'mod li jkun hemm neċessità ta' sanzjoni proporzjonata, jew inkella hix okkażjonalment ribelli għall-liġi. F'persuna ta' preċedenti tajba l-istess proċess kriminali, bir-riflessi psikiċi li jġib miegħu, hu fih innifsu diġà forma ta' sanzjoni; u huwa aktar ta' vantaġġ soċjali li din is-sanzjoni morali, meta l-każ ikun jimmerita, tiġi alimentata bl-opportunità ta' rijabilitazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikorsi ta' Patrick John Holland, Emmanuele Farrugia u *Joseph Carmel Scerri*, li bihom appellaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tas-26 ta' Ġunju 1958, u talbu li jiġu liberati minn kull *imputazzjoni* u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellanti ġew misjuba ħatjin li fit-28 ta' April 1958, il-Belt Valletta, bla ħaqq u mingħajr setgħa tal-liġi, bi ħsieb li jġiegħelu lil persuni oħra ma jagħmlux dak li huma kellhom id-dritt li jagħmlu, u ċjoè li jkomplu jaħdmu, beżżgħu u ntimidaw lil dawn in-nies; u ġew kundannati rispettivament għal erbatax il-ġurnata, sittax il-ġurnata, u sitt ijiem priġunija, skond l-art. 24 (a) tal-Ordinanza IV tal-1945;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

A kariku tal-appellant Holland, sostanzjalment, irriżultaw dawn iċ-ċirkustanzi:— 1. Fit-28 ta' April, 1958, ġurnata ta' strike indett mill-General Workers' *Union*, f'xi l-10.15 a.m., l-appellant mar ma' Gerald Zammit, wieħed mill-uffiċjali tal-Union, flimkien ma' xi għoxrin persuna oħra, quddiem id-Dipartiment tal-Public Works, biex Zammit jgħid lid-Direttur biex jibgħat lil dawk l-impjegati li Zammit deherlu ma kienux milquta biċ-ċirkulari uffiċjali li biha l-impjegati permanenti kienu ġew ordnati li dak inhar jidħlu għax-xogħol; 2. L-appellant daħal ma' Zammit quddiem id-Direttur, u b'xi kelma l-hemm u l-hawn ikkorrobora, għalkemm id-Direttur jgħid mhux f'kollox, id-diskors ta' Zammit, li, fost affarijiet oħra fuq x'ifisser impjegat permanenti, qal lid-Direttur li jekk l-impjegati joħorġu dak il-ħin huwa jservi għalihom ta' salva-kondott, imma li ma jkunx responsabbli ta' dak li jiġri jekk ma joħorġux; 3. Wara li Zammit u l-appellant ħarġu, u l-folla bdiet tgħajjat "Oħorġu, oħorġu!", id-Direttur sejħilhom awtorizzahom ikellmu lill-impjegati fil-preżenza tiegħu; Zammit kellimhom, u qallhom li huma suppost jistrajkjaw, u jekk joħorġu dak l-ħin jiggarantilhom li ma jiġrilhom xejn, imma jekk ma joħorġux ma jżommx ruħu responsabbli għal dak li jista' jiġri, u jeħlu magħhom l-impjegati

permanenti; skond id-Direttur, anki hawn l-appellant qal xi kelma l-hawn u l-hemm b'approvazzjoni ta' dak li qal Zammit; il-folla reġgħet għajtet "Oħorġu, oħorġu!", u allura l-appellant, li kien fil-bieb tal-gallarija, sikkithom b'sinjal b'idejh, u qallhom "stennew, issa dalwaqt neżlin"; l-impjegati ħarġu mingħajr inċidenti; 4. Minn hemm, l-appellant, ma' Zammit u l-folla, mar lejn id-Dipartiment tal-Water Works; hawn il-bieb kien magħluq, u l-Pulizija qaltilhom li l-prinċipal ma ried ikellem lil ħadd; l-appellant qal lil Zammit biex ma jmurx, u dan fil-fatt ma marx; 5. Baqgħu sejrin quddiem id-Dipartiment tal-Emigration, Labour and Social Welfare; sar taħbit bis-sieq fuq il-bieb u għajjat lid-Direttur biex jiftaħ, għax Zammit ried ikellmu; meta l-bieb infetaħ minn ġewwa, kien hemm quddiem il-bieb l-appellant u Zammit; 6. L-appellant daħal ma' Zammit quddiem id-Direttur, u kompla miegħu meta Zammit qallu li, jekk xi impjegati li mhux suppost jaħdmu, jibqgħu jaħdmu, meta joħorġu jista' jinqala' xi ħaġa u jeħlu magħhom l-impjegati permanenti; 7. Meta wara Zammit, li ġie awtorizzat mid-Direttur biex ikellem lill-impjegati, qallhom l-istess diskors li qabel kien qal lid-Direttur, u li jekk ma joħorġux jistgħu jeħlu magħhom l-impjegati permanenti, l-appellant, skond ix-xhud Ferro, bid-diportament tiegħu ssekondha, għalkemm ix-xhieda l-oħra jgħidu li Zammit biss tkellem; 8. Fix-xhieda tiegħu l-appellant ċaħad li ħa parti attiva b'xi kliem fl-okkażjonijiet fuq imsemmijin; mistoqsi mill-Ewwel Qorti għal aktar minn darba jekk hu marx ma' Zammit biex jgħinu, l-appellant irrisponda li mar miegħu "għall-wens";

Jinżel mill-premess li l-appellant ikkommetta r-reat li tiegħu ġiet misjub ħati mill-Ewwel Qorti. Anki kieku ma qal xejn, l-akkompanjament kontinwu lil Zammit, flimkien mal-folla li bdiet tgħajjat lill-impjegati biex joħorġu minn fuq xogħolhom meta huma kellhom id-dritt ikomplu jaħdmu, il-preżenza kostanti tiegħu ma' Zammit kull darba li dan uża kliem ta' intimidazzjoni, jikkostitwixxu ko-operazzjoni xjenti u immedjata għall-operat ta' Zammit, sija bħala sostenn morali, jew "wens" kif xeħed l-appellant, sija bħala ko-operazzjoni biex l-intimidazzjoni jkollha l-forza tagħha;

Tikkunsidra;

*Fuq l-appellant Farrugia jirriżulta dan:— 1. Fl-okkażjoni* ta' li strike fuq riferit, l-appellant ma marx għaxxogħol bħala impjegat fid-Dipartiment tal-Lottu, u waqt li l-impjegati nisa kienu deħlin l-uffiċċju, hu qal, issa lil waħda issa lill-oħra, u waqt li kien hemm miegħu ħdejn il-bieb tad-Dipartiment "strike pickets", l-espressjonijiet "jiġu għalikom", "ma tafx li jekk tidħol tista' toħroġ bi 'crush'?", "tidħolx, tabbużax, għax nitilgħu għalikom u nniżżlukom", "tagħmelx reżistenza, li ma jkissrulekx innuċċali f'wiċċek", "jekk tidħol, fuq hemm in-nies, u xorta waħda trid terġa tinżel", *"tgħallinix, mhux aħjar toħroġ?* issa naraw toħroġx"; 2. L-appellant kien ma' Zammit meta dan qal lil xi impjegati nisa fl-Auberge d'Aragon li jaqblilhom joħorġu għax iġib ir-rinforz, u li barra kien hemm innies lesti għalihom; 3. L-appellant, meta xehed, qal li hu ma mminaċċjax l-impjegati, imma biss wissihom x'jista' jiġrilhom; u ttanta jbenġel id-diskors li ħafna xhieda aċċertaw li hu uża magħhom;

*Ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-fatti ġraw kif* irrakkuntawhom ix-xhieda meta rriferew il-kliem li qalilhom l-appellant, li ma jfissrux ħlief intimidazzjoni fis-sens tal-liġi;

Ikkunsidrat;

Dwar l-appellant Scerri jirriżulta dan:— 1. Fl-Auberge d'Aragon Zammit qal lil xi impjegati nisa li, jekk joħorġu sa ħames minuti, huma jiddefenduhom, u li ma hemmx min *jiddefendihom kontra n-nies tagħhom għax ma hemmx* Pulizija; l-appellant dak il-ħin kien ma' Zammit, u x-xhud Mary Vella semetgħu jgħid "oħorġu, oħorġu!", għalkemm xhieda oħrajn ma semgħuhomx; 2. Skond ix-xhud Carmelo Grech, l-appellant, flimkien ma' persuna oħra, kien qiesu l-"body guard" ta' Zammit, meta dan qal lill-impjegati "aħjar toħorġu, għax inġibu n-nies minn Strada Rjali u noħorġukom"; 3. Skond Joseph Cini, malli Zammit qal li, jekk ma joħorġux bil-kelma t-tajba, jgħajjat lin-nies tiegħu, l-appellant u l-persuna l-oħra għamlu moviment qieshom

sa joħorġu barra, u Zammit żammhom; 4. L-appellant xehed li hu "part-time secretary" fil-General Workers' Union, u dak inhar strajkja; qal li waqt li kien fil-bieb tassede tal-Union is-segretarju tal-unjon tal-barbiera, Piccione, staqsieh kienx hemm xi barbiera li fetħu, u l-appellant offra li jmur jistaqsilu lil Zammit, li, kif qal li sar jaf minn nies, kien l-Auberge, sab lil Zammit qed jitkellem f'kamra tal-Auberge, u qallu li kien hemm min riedu; Zammit ma tantx ta każ, u qallu biex jistenna; wara ftit reġa' qallu, u l-ieħor irrispondieh biex jgħid lil min riedu biex jistennieh, u l-appellant telaq jgħid lil Piccione; fil-kontro-eżami l-appellant qal li ma semgħax lil Zammit jgħid lil-impjegati li, jekk ma joħorġux, imur jgħid il-folla joħorġuhom huma, għalkemm qal li semgħu jitkellem ma' diversi nies; qal ukoll li hu segwa lil Zammit minn kamra għall-oħra; meta l-Ewwel Qorti qratlu d-depożizzjoni ta' Mary Vella, li qalet li l-appellant qal il-kliem "oħorġu u oħorġu", l-appellant irrisponda li ma jafx li qalhom; xehed ukoll li dak inhar filgħaxija ġie mitlub, u rnexxielu, jgħin biex jibgħat lura l-folla li kienet sejra tattakka l-Għassa tal-Ħamrun; 5. Franz Piccione xehed li kien bagħat lill-appellant biex jgħid lil Zammit li ried ikellmu, però assigura li dak il-ħin ma qallux fuqhiex, imma qallu meta l-appellant, ftit ħin wara, reġa' lura bir-risposta li Zammit dalwaqt jiġi;

Dil-Qorti reġgħet semgħet lix-xhud Mary Vella, u din, wara li l-Qorti tatha żmien tirrifletti fuq ir-risposta, assigurat li l-appellant qal il-kliem "oħorġu, oħorġu" meta Zammit qallhom li, jekk joħorġu sa ħames minuti jiddefenduhom, u li ma kienx hemm min jiddefendihom kontra n-nies tagħhom, għax ma kienx hemm Pulizija. Ix-xhud Joseph Cini reġa' xehed quddiem dil-Qorti, u ddeskriva l-moviment li għamel l-appellant meta Zammit tkellem. Ma hemmx raġuni biex il-Qorti tiskarta d-depożizzjoni ta' Vella. L-atteġġjament tal-appellant, kif deskritt minn Cini, jekk waħdu hu ekwivoku, fil-kwadru ġenerali tad-depożizzjonijiet jakkwista, però, il-valur tiegħu. Apparti l interess tal-appellant li l-istrike jirnexxi, l-insegwiment tal-appellant lil Zammit minn kamra għal oħra, biex spiċċa fir-risposta "dalwaqt ġej, għidlu jistenna", ix-xhieda tal-appellant fis-sens li ma jafx Zammit x'qal, u r-risposta tal-istess appellant bir-renitenza tagħha anki fil-frażi "ma nafx li

għidt il-kliem 'oħorġu, oħorġu' ", huma kollha ċirkustanzi li jsaħħu d-depożizzjoni ta' Vella;

Hekk, anki l-appellant Scerri, bil-ko-operazzjoni tiegħu xjenti għall-għemil ta' Zammit, almenu fil-konfronti tal-impjegati Vella u Cini, huwa ħati tal-imputazzjoni kif irriteniet l-Ewwel Qorti;

**Ikkunsidrat;**

Fuq il-piena applikata, dil-Qorti tagħmel dawn ir-riflessjonijiet:—

1. Il-piena applikabbli għar-reat hija multa sa £20, jew priġunija jew lavuri furzati sa tliet xhur;

2. Il-valutazzjoni tar-responsabbiltà tal-appellanti għandha tiġi ċirkoskritta biċ-ċirkustanzi li taħthom ġie kommess ir-reat, u tibqa' limitata b'dawn iċ-ċirkustanzi, u għandha hekk tiġi iżolata minn kull avveniment fil-pajjiż posterjuri għall-kommissjoni tar-reat. Il-Qorti għandha quddiemha l-kondotta tal-appellanti fil-konfronti tal-imputazzjoni, u mhux dik ta' oħrajn fil-konfront ta' fatti oħra;

3. Fil-miżurazzjoni tal-piena, il-kondotta preċedenti tal-ħati hija ta' importanza massima; għax din turi jekk persuna hix abitwalment refrattarja għall-preċett penali, b'mod li jkun hemm in-neċessità ta' sanzjoni proporzjonata, jew inkella hix okkażjonalment ribelli għall-liġi. F'persuna ta' preċedenti tajba l-istess proċess kriminali, bir-riflessi psikiċi li jġib miegħu, hu fih innifsu diġà forma ta' sanzjoni, u huwa aktar ta' vantaġġ soċjali li din is-sanzjoni morali, meta l-każ ikun jimmerita, tiġi alimentata bl-opportunità ta' riabilitazzjoni;

4. Fil-każ preżenti, il-kondotta preċedenti tal-appellant Holland, li għandu 24 sena, hija għal kollox tajba, bħal ma hija dik tal-appellant Scerri li għandu 25 sena. L-appellant Farrugia, ta' 32 sena, għandu reġistrati erbgħa kundanni mis-sena 1951 sal-1954, kollha ta' importanza żgħira;

5. Skond l-art. 23(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tista', fl-applikazzjoni tal-piena, tqies fid-diskrezzjoni tagħha kull perijodu ta' arrest għar-reat qabel is-sentenza; jirriżulta mill-kawża li l-appellanti kienu taħt arrest għal żbatax il-ġurnata; hekk kull wieħed mill-appellanti diġà, għall-għemil tiegħu, tilef għal żbatax il-ġurnata l-libertà tiegħu;

Fis-sentenza appellata jingħad li l-Ewwel Qorti ħadet f'konsiderazzjoni l-perijodu tal-arrest. Għal dil-Qorti, però, il-kwistjoni tippreżenta ruħha f'dawn it-termini:— Liema piena dil-Qorti jidhrilha li tolqot il-ħtija tal-appellanti, meta l-kondotta preċedenti tagħhom hija tajba, meta l-Qorti hi awtorizzata tqies fid-diskrezzjoni tagħha l-arrest preċedenti, u meta kull wieħed mill-appellanti diġà għamel żbatax il-ġurnata arrestat. Fuq dan, il-Qorti waslet għall-konklużjoni kif jingħad aktar il-quddiem;

Il-Qorti tixtieq tfakkar li, għalkemm, fin-nuqqas sallum ta' mezz konċiljattiv għas-soluzzjoni ta' kwistjonijiet bejn min jaħdem u min iħaddem, il-liġi tippermetti, taħt ċerti kondizzjonijiet partikulari l-organizzazzjoni ta' strike, fl-istess ħin il-liġi ġelożament tindokra d-dritt ta' kull ċittadin li jaqdi l-affarijiet tiegħu mingħajr ostakoli, molestji jew intimidazzjoni. Forsi, billi fi strikes precedenti f'dawn il-Gżejjer ma nqaletx l-okkażjoni li tiġi nvokata l-liġi penali, x'uħud ma rrealizzawx sewwa kemm għandhom joqgħodu attenti illi fil-ħrara tagħhom biex strike jirnexxi ma jikkommettux abbużi kontra l-libertà taċ-ċittadin, li l-lum l-istess appellanti qegħdin iħossu kemm tiswa. Dak li l-appellanti, ħtija tagħhom, għaddew minnu, ikun ta' tifkira u ta' twissija għall-quddiem;

Għal dawn il-motivi;

Tikkonferma s-sentenza appellata fejn kull wieħed mill-appellanti ġie misjub ħati tar-reat ta' intimidazzjoni skond l-art. 24 (a) tal-Ordinanza IV tal-1945; iżda, fit-termini tal-istess artikolu, tbiddel il-piena applikata mill-Ewwel Qorti għall-appellant Holland f'dik ta' multa ta' £18, għall-appellant Farrugia f'dik tal-multa' ta' £20, u għall-appellant Scerri f'dik tal-multa ta' £10; u hekk tipprovdi għall-appell.